# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 437/2015**

Il-Pulizija

vs

**Paul Scerri**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 269456(M)

Illum, 13 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Paul Scerri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli mill-1 ta' Awwissu, 2014 sat-28 ta' Frar, 2015, naqas li taghti lil Josephine Carabott is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Settembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Scerri pprezentat fid-9 ta’ Ottubru, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha TILQA dan l-appell billi THASSAR u TIRREVOKA s-sentenza appellata billi TIDDIKJARA s-sentenza appellata bhala nulla jew alternattivarnent TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u dan billi tigi mposta piena li tkun aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Nullita tas-Sentenza Appellata

Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrileva illi s-sentenza appellata hija nulla ai termini tal-artiklu 382 tal-Kapitlu 9, u dan peress illi hija nieqsa mill-formalitajiet rikjesti mill-ligi u dan meta l-Ewwel Onorabbli Qorti ma semmietx l-artikolu tal-Ligi li tikkontempla r-reat, filwaqt illi naqset ukoll milli tghid il-fatti li taghhom huwa nstab hati.

Dan l-artikolu jipprovdi illi: *'Il-qorii, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ia' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat'.*

Illi fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti qalet testwalment biss hekk: 'rat il-ligi hawn fuq indikata, ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentenza ta' prigunerija ta' xahrejn' Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti naqset kemm milli tindika l-artikolu tal-ligi relevanti, kif ukoll milli ssemmi l-fatti li taghhom dan gie misjub hati.

Illi jsegwi ghalhekk illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija nulla u dan stante illi ma ssegwiex id-dettami tal-ligi.

Illi f'dan l-istadju l-esponenti appellant, jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Benjamino Camilleri datata sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u s-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali datata s-sitta u ghoxrin (26) ta'

Lulju, tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-ismijiet il-Pulizija vs Graham Agius, kif ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizja vs Joseph Cutajar deciza fis-sbatax (17) ta' Gunju, tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tenniet illi: ' ... l-artikolu hawn fuq imsemmi jaghmilha cara li l-artikolu tal-ligi ghandu jissemma. Dan mhux kaz ta' 'lapsus calami' izda dan hu kaz ta' nullita' tas-sentenza msemmija'.

Illi l-esponent jitlob umilment, ghalhekk lil din l-Onorabli Qorti joghgobha, li filwaqt illi tiddikjara s-sentenza nulla, tirrimetti l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex huwa ma jkunx privat mill-beneficcju tad-doppju ezami. Illi l-esponent jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 30 ta' Novembru, 2011 fl-ismijiet il-Pulizija vs Angelo Tanti.

Piena.

Illi l-esponent umilment jissotometti li l-piena erogata fil-konfronti tieghu hija wahda esagerata, u dan meta wiehed jikkonsidra l-fatt illi n-nuqqas tieghu li jhallas il-manteniment lejn martu kien dovut ghal fatt illi huwa kien qed jaffacja diffikultajiet finanzjarji serji u dan wara li huwa spicca minghajr impjieg, u ghalhekk spicca jghix u jiddependi fuq il-beneficcji socjali u dan wara r-riforma li kien hawn a rigward tas-servizz tat-trasport pubbliku. Illi inoltre, l-esponenti appellant ma kienx akkuzat bl-addebitu tar-recidiva, u ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet timponi piena alternattiva, ghal dik karcerarja.

L-esponenti umilment jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' xahrejn imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-aspett riformattiv ma nghata l-ebda kunsiderazzjoni, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

F'dan il-kuntest l-esponent jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia fejn gie ritenut illi: 'Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-

konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Ariikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero, jinvolvu multi u habs ... Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija "irriversibbli" - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta - anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal *'first offenders*'' zghazagh'. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'

Illi l-esponenti jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 446.

Illi ghal kull buon fini l-esponent ghalhekk jitolb li jithejja *social inquiry report* minn liema rapport ghandu jirrizulta ampjament li piena karcerarja mhiex wahda idonea fic-cirkostanzi.

Salv, sottomissjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li l-appellant jinghata vera kopja tas-sentenza appellata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2017 il-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-appellant hallas aktar min-nofs ta' dak dovut u hemm ftehim bejn il-partijiet dwar il-hlas tal-bilanc.

Ghaldaqstant, tichad l-appell fil-meritu ta' Paul Scerri u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok piena karcerarja tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-lum.